



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.1.2021
COM(2021) 1 final

2020/0372 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-laqgħat tal-Kunsill u
tal-Assemblea tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Kunsill u l-Assemblea tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar b'konnessjoni mal-adozzjoni u mal-implimentazzjoni previsti ta' regolamenti dwar l-isfruttament tar-riżorsi minerali fiż-Żona (ISBA/25/C/WP.1) u l-istandards u l-linji gwida relatati.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. L-abbozzi ta' regolamenti dwar l-isfruttament tar-riżorsi minerali fiż-Żona

L-abbozzi ta' regolamenti dwar l-isfruttament tar-riżorsi minerali fiż-Żona ("ir-Regolamenti") għandhom l-għan li jippermettu lill-kuntratturi jiċċaqilqu mill-esplorazzjoni tar-riżorsi minerali fiż-Żona għall-isfruttament ta' daww ir-riżorsi. L-abbozzi ta' regolamenti mħejjija mill-Kummissjoni Legali u Teknika tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar ġew iċċirkolati f'Marzu 2019 u bħalissa qed jiġu nnegożjati mill-Kunsill tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar. Ir-regolamenti huma abbozzati f'konformità mal-Parti XI tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) u l-ftehim relatat mal-implimentazzjoni tal-Parti XI tal-UNCLOS. L-abbozzi ta' regolamenti jesigū li ċerti kwistjonijiet jiġu indirizzati f'konformità mal-istandards u l-linji gwida li għandhom jiġu żviluppati mill-organi tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar, jew b'kont meħud tagħhom. L-istandards se jkunu legalment vinkolanti fuq il-Kuntratturi u l-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar, filwaqt li l-linji gwida se jkunu ta' natura rakkomandatorja. L-Unjoni Ewropea hija parti għall-UNCLOS.¹ Skont l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE tat-23 ta' Marzu 1998, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom jikkordinaw il-pożizzjonijiet li jadottaw fil-korpi tal-Awtorità Internazzjonali dwar Qiegħ il-Baħar b'mod konformi mal-proċedura preskritta fl-Anness III².

2.2. Il-laqgħat tal-Kunsill tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar

Il-Kunsill huwa l-organu eżekuttiv tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar. Huwa fi ħdan il-Kunsill tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar li r-regolamenti qed jiġu nnegożjati u sussegwentement se jiġu adottati qabel ma jiġu ppreżentati lill-Assemblea tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar, l-organu suprem u politiku magħmul minn 167 membru u l-Unjoni Ewropea, biex jagħti l-approvazzjoni finali tiegħu. Il-Kunsill tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar se japplika r-regolamenti b'mod provviżorju, sakemm jiġu approvati mill-Assemblea. Bħala parti għall-UNCLOS, l-UE hija awtomatikament membru tal-Assemblea tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar u osservatur fil-Kunsill tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar, li huwa magħmul minn 36 membru eletti mill-Assemblea. Bħala regola ġenerali, jenħtieġ li t-teħid tad-deċiżjonijiet fil-Kunsill tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar isir b'konsens. Jekk l-isforzi kollha

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE tat-23 ta' Marzu 1998 li tirrigwarda l-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Liġi tal-Baħar u l-Ftehim tat-28 ta' Lulju 1994 li għandu x'jaqşam mal-implimentazzjoni tal-Parti XI tiegħu (ĠU L 179, 23.6.1998, p. 1).

² Proċedura normali għal pożizzjonijiet dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Komunità; u l-proċedura regolata mit-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea għal kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-politika barranija tal-Unjoni Ewropea.

biex tintlaħaq deċiżjoni b'kunsens ikunu ġew eżawriti, id-deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet ta' proċedura għandhom jittieħdu b'maġġoranza tal-membri preżenti u li jivvotaw, u d-deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet ta' sustanza għandhom jittieħdu b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri preżenti u li jivvotaw. Bħala osservatur fil-Kunsill tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar, l-UE ma għandha l-ebda dritt tal-vot. Madankollu, l-UE għandha drittijiet tal-parteeċipazzjoni u tal-vot fl-Assemblea tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar.

2.3. L-adozzjoni provviżorja prevista ta' regolamenti mill-Kunsill tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar

L-ewwel abbozz tar-regolamenti ġie ppreżentat fit-23 sessjoni tal-Kunsill tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar f'Awwissu 2017. Il-Kummissjoni Legali u Teknika tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar, kif ukoll il-Kunsill qablu fuq skeda li għandha l-għan li tikkonkludi n-negozjati tar-regolamenti sal-2020, madankollu, minħabba l-pandemija tal-covid-19, is-26 sessjoni tal-Kunsill ippjanata għal Lulju 2020 ġiet posposta sakemm joħroġ avvizz ieħor

Ir-regolamenti previsti se jkunu legalment vinkolanti fuq il-partijiet f'konformità mal-UNCLOS u mal-Ftehim tal-1994 rigward l-implimentazzjoni tal-Parti XI tal-UNCLOS.

2.4 L-approvazzjoni prevista tar-regolamenti mill-Assemblea tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar

Ladarba l-Kunsill tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar jiffinalizza n-negozjati tar-regolamenti u jkun jista' jadottahom b'mod provviżorju, ir-regolamenti jiġu ppreżentati lill-Assemblea tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar għall-kunsiderazzjoni tagħha u għall-approvazzjoni finali.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

Ir-regolamenti previsti jikkonċernaw ukoll kwistjonijiet sostantivi li għalihom l-Unjoni għandha kompetenza esterna bis-saħħa tal-Artikolu 3(2) tat-TFUE.

B'mod partikolari, l-UE għandha kompetenza fuq il-partijiet tar-regolamenti li jittrattaw il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar. Skont l-istruttura tal-Artikolu 3(2) tat-TFUE, fuq bażi ta' każ b'każ, l-UE għandha kompetenza esterna. L-ewwel nett, minħabba li d-dispożizzjonijiet tal-UNCLOS relatati mal-ambjent tal-baħar huma previsti fl-att leġislativ li jikkonkludi l-UNCLOS f'isem l-Unjoni³. It-tieni, minħabba li hija meħtieġa azzjoni tal-Unjoni dwar ir-regolamenti sabiex l-Unjoni tkun tista' teżerċita l-kompetenza interna tagħha, bħal fil-każ ta' kompetenza ambjentali miksuba. Fl-aħħar nett, l-UE għandha kompetenza esterna billi xi dispożizzjonijiet tar-regolamenti jistgħu jaffettwaw ir-regoli komuni jew ibiddlu l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. Hawnhekk, l-*acquis* tal-UE (b'mod partikolari b'rabta mal-leġislazzjoni sekondarja tal-UE fil-qasam tal-ambjent u ma' ftehimiet internazzjonali oħrajn li għalihom l-UE hija parti sħiħa) huwa kopert jew jista' jiġi affettwat minn partijiet tal-abbozzi ta' regolamenti (jew tal-istandards u l-linji gwida relatati), li jagħtu lill-UE l-kompetenza fuq dawk il-partijiet speċifiċi, li wħud minnhom huma esklussivi.

Bħala konsegwenza, l-UE hija intitolata li tieħu pożizzjoni fl-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar fir-rigward tal-partijiet rilevanti tar-regolamenti li huma ppreżentati f'din id-dikjarazzjoni, u l-istandards u l-linji gwida relatati. Barra minn hekk, il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali jesiġi li l-Istati Membri jaġixxu b'ċertu mod fil-proċedimenti tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar.

³ Id-Direttiva tal-Kunsill 98/392/KE

Huwa propost li l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Kunsill u l-Assemblea tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar tiġi stabbilita skont approċċ fuq żewġ livelli. Id-Deċizzjoni tal-Kunsill se tistabbilixxi l-prinċipji ta' gwida u l-orjentazzjonijiet tal-pożizzjoni tal-Unjoni, u sussegwentement tiġi aġġustata għal kull laqgħa permezz ta' dokumenti informali mħejjija mill-Kummissjoni u li għandhom jiġu diskussi fil-Grupp ta' Fidma tal-Kunsill.

Id-deċizzjoni preżenti tinkorpora l-prinċipji tal-UNCLOS u l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew⁴, l-Istrateġija għall-Bijodiversità⁵ kif mitlub mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tejjija tal-qafas globali għall-bijodiversità wara l-2020 tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB)⁶.

Bażi ġuridika

3.1. Bażi ġuridika proċedurali

3.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċizzjonijiet li jstabbilixxu *“il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”*

Il-kunċett ta' *“atti li jkollhom effetti legali”* jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola s-sede kkonċernata. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li *“jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni”*⁷.

3.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Kunsill u l-Assemblea tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar huma tnejn mit-tliet organi prinċipali tal-Awtorità stabbiliti mill-Artikolu 158 tal-UNCLOS.

Ir-regolamenti, li l-Kunsill tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar huwa mitlub jadotta fuq bażi provviżorja, jikkostitwixxu att li jkollu effetti legali. L-approvazzjoni finali tar-regolamenti mill-Assemblea tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar tikkostitwixxi wkoll att li jkollu effetti legali. L-atti previsti se jkunu vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikoli 145, 153 u 162 tal-UNCLOS u mal-Ftehim relatat mal-implimentazzjoni tal-Parti XI tal-UNCLOS.

L-atti previsti la jissupplimentaw u lanqas jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċizzjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

3.2. Bażi ġuridika sostantiva

3.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċizzjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament fuq l-oġettiv u fuq il-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni.

⁴ COM/2019/640 final

⁵ COM/2020/380 final

⁶ <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-15272-2019-INIT/mt/pdf>

⁷ Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi minn 61 sa 64.

3.2.2. Applikazzjoni għall-kawża preżenti

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrigwardjaw il-politika ambjentali.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 191 tat-TFUE.

3.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 191 tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-laqgħat tal-Kunsill u tal-Assemblea tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 191 tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) u l-Ftehim tat-28 ta' Lulju 1994 li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-Parti XI tiegħu ("il-Ftehim") ġew konklużi mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE tat-23 ta' Marzu 1998.
- (2) Skont l-Artikolu 162(2)(o)(ii) tal-UNCLOS, il-Kunsill tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar jista' jadotta u japplika b'mod provviżorju, sakemm jiġu approvati mill-Assemblea, ir-regoli, ir-regolamenti u l-proċeduri tal-Awtorità, u kwalunkwe emenda għalihom, b'kont meħud tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Legali u Teknika jew ta' organu subordinat ieħor ikkonċernat. Dawn ir-regoli, ir-regolamenti u l-proċeduri għandhom ikunu relatati mat-tiftix, l-esplorazzjoni u l-isfruttament fiż-Żona u mal-ġestjoni finanzjarja u l-amministrazzjoni interna tal-Awtorità.
- (3) Matul il-laqgħat li jmiss tiegħu, il-Kunsill tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar għandu jadotta regolamenti dwar l-isfruttament tar-riżorsi minerali fiż-Żona.
- (4) Skont l-Artikolu 160(2)(f)(ii) tal-UNCLOS, l-Assemblea tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar tista' tikkunsidra u tapprova r-regoli, ir-regolamenti u l-proċeduri tal-Awtorità, u kwalunkwe emenda għalihom, li l-Kunsill adotta provviżorjament skont l-Artikolu 162, il-paragrafu 2 (o)(ii). Dawn ir-regoli, ir-regolamenti u l-proċeduri għandhom ikunu relatati mat-tiftix, mal-esplorazzjoni u mal-isfruttament fiż-Żona, mal-ġestjoni finanzjarja u mal-amministrazzjoni interna tal-Awtorità.
- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill u l-Assemblea tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar, billi r-regolamenti previsti se jkunu vinkolanti fuq l-Unjoni, bħala parti għall-UNCLOS u għall-Ftehim rigward l-implimentazzjoni tal-PARTI XI tal-UNCLOS.
- (6) Huwa wkoll xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill u l-Assemblea tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar, billi r-regolamenti dwar l-isfruttament tar-riżorsi minerali fiż-Żona se jkunu vinkolanti fuq l-Unjoni u jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, notevolment fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar.
- (7) Fi kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar, l-UE u l-Istati Membri tagħha huma marbuta bil-prinċipju ta' prekawzjoni (l-Artikolu 191 tat-TFUE) u bl-

approċċ ibbażat fuq l-ekosistema (l-Artikoli 3.4 u 3.5, l-Artikolu 10 u l-Annessi I u VI tad-Direttiva 2008/56/KE; l-Artikolu 2.3 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013; l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/89/UE). Dan il-qafas ġuridiku jiġġustifika l-kontenut tal-pożizzjoni proposta li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni.

- (8) Sa fejn l-Unjoni hija limitata li tesprimi l-pożizzjoni tagħha fil-Kunsill tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar minħabba l-istatus ta' osservatur limitat tagħha, il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Kunsill tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Kunsill u tal-Assemblea tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar hija stabbilita fl-Anness.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kunsill tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar imsemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi espressa u kkonfermata mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Kunsill tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar kull meta l-Unjoni tkun limitata meta tiġi biex tesprimi l-pożizzjoni tagħha minħabba l-istatus ta' osservatur limitat tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President